IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.2.2014
COM(2014) 52 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-INGREDJENTI TAL-IKEL ITTRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦALL-2012

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-INGREDJENTI TAL-IKEL ITTRATTATI BIR-RADJAZZJONI JONIZZANTI GĦALL-2012

1. INTRODUZZJONI

Kif mitlub mill-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 1999/2/KE, dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012. Huwa fih ġabra ta' tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni minn 27 Stat Membru.

2. IL-BAŻI LEGALI U L-ISFOND

L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza[1] jistipula li kull sena l-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni:

– ir-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel ittrattati u d-dożi li ngħataw

u

– r-riżultati tal-kontrolli li jkunu saru fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq u l-metodi użati għall-individwazzjoni tat-trattament bir-radjazzjoni jonizzanti.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha tippubblika, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

– id-dettalji tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri, kif ukoll kull bidla fl-istatus tagħhom; u

– rapport dwar it-tagħrif ipprovdut mill-awtoritajiet nazzjonali ta' superviżjoni.

It-tagħrif dwar l-aspetti ġenerali tal-irradjazzjoni tal-ikel huwa disponibbli fuq is-sit tal-internet tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u l-Konsumaturi[2].

2.1. Il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni

Skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 1999/2/KE, l-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu trattati bir-radjazzjoni biss f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(3) jistipula li l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-lista tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati tagħhom.

[1] ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.
[2] http://ec.europa.eu/food/food/biosafety/irradiation/index_en.htm.

L-irradjazzjoni tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel tista' ssir biss permezz tas-sorsi li ġejjin:

– ir-raġġi gamma mir-radjunuklidi ^{60}Co jew ^{137}Cs;

– ir-raġġi-X iġġenerati minn magni mħaddmin fil-livell tal-enerġija nominali (l-enerġija massima tal-kwantum) ta' 5 MeV jew inqas;

– l-elettroni ġġenerati minn magni mħaddmin fil-livell tal-enerġija nominali (l-enerġija massima tal-kwantum) ta' 10 MeV jew inqas.

Il-lista tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri hija disponibbli għall-pubbliku peress li ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[3].

2.2. L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni

L-irradjazzjoni ta' ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali mnixxfin hija awtorizzata fil-livell tal-UE bid-Direttiva 1999/3/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti[4]. Barra minn hekk, seba' Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni li għad għandhom awtorizzazzjonijiet nazzjonali għal ċertu ikel u għal ċerti ingredjenti tal-ikel skont l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 1999/2/KE. Il-lista ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni[5].

Kull oġġett tal-ikel ittrattat bir-radjazzjoni li fih ingredjent wieħed tal-ikel jew aktar ittrattat bir-radjazzjoni għandu jkun immarkat bil-kliem "ittrattat bir-radjazzjoni" jew "ittrattat b'radjazzjoni jonizzanti". Jekk prodott ittrattat bir-radjazzjoni jintuża bħala ingredjent f'ikel kompost, l-istess kliem għandu jakkumpanja d-deskrizzjoni tiegħu fil-lista tal-ingredjenti. Fil-każ ta' prodotti mibjugħin bl-ingrossa, dan il-kliem għandu jidher flimkien mal-isem tal-prodott fuq targa jew avviż fuq il-kontenitur li fih jitqiegħdu l-prodotti jew maġenbu.

Sabiex jiġi infurzat it-tikkettar korrett jew biex jiġu individwati prodotti mhux awtorizzati, ġew standardizzati bosta metodi analitiċi mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), wara mandat mogħti lilu mill-Kummissjoni Ewropea.

3. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQIN FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI U D-DOŻI LI NGĦATAW

Din it-taqsima tar-rapport tittratta r-riżultati tal-kontrolli mwettqin fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni, b'mod partikulari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-prodotti ttrattati u d-dożi li ngħataw. Skont l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri, il-kontrolli mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti kkonfermaw il-konformità tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati mar-rekwiżiti tad-Direttiva 1999/2/KE.

---

3 ĠU C 265, 1.9.2012, p. 3.
4 ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.
5 ĠU C 283, 24.11.2009, p. 5.

It-tabelli u l-figuri li ġejjin juru r-riżultati tal-kontrolli li twettqu fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2012, b'mod partikulari fir-rigward tal-kategoriji u l-kwantitajiet tal-ikel u tal-ingredjenti tal-ikel ittrattati u d-dożi li ngħataw.


3.1. Sommarju għall-UE

It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-kwantitajiet (f'tunnellati) tal-oġġetti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Unjoni Ewropea.

Stat Membru	**Numru ta' faċilitajiet approvati**	**Kwantità ttrattata (f'tunnellati)**
Il-Belġju	1	5157,7
Il-Bulgarija	2	L-ebda ikel ittrattat bir-radjazzjoni
Ir-Repubblika Ċeka	1	23.8
Il-Ġermanja	4	125.8
L-Estonja	1	33.7
Spanja	2*	326.6
Franza	5	612.9
L-Italja	1	L-ebda ikel ittrattat bir-radjazzjoni
L-Ungerija	1	124.9
Il-Pajjiżi l-Baxxi	2	1476.0
Il-Polonja	2	89.0
Ir-Rumanija	1	1.6
Ir-Renju Unit	1	L-ebda ikel ittrattat bir-radjazzjoni
Ammont totali	**24**	**7972.1**

* L-ebda ikel ma ġie ttrattat bir-radjazzjoni f'waħda minn dawn il-faċilitajiet.

Il-figura li ġejja tiġbor fil-qosor il-kwantitajiet (f'tunnellati) tal-oġġetti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti fil-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Unjoni Ewropea fl-2012:



Ma hemm l-ebda faċilità approvata fl-Istati Membri li ġejjin: id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u l-Portugall.

3.2. Il-Belġju

Oġġetti tal-ikel	**Doża assorbita (f'kGy)**
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	5 - 9
Demm, plażma u koagulati deidratati	2 - 4
Saqajn taż-żringijiet iffriżati	2.7 - 5.5
Gambli bla ras jew imqaxxrin iffriżati	2 - 7
Tjur	2 - 6.1

3.3. Ir-Repubblika Ċeka

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	5.77 - 9.82
Frott u ħaxix imnixxef	5.66 - 6.55

3.4. Il-Ġermanja

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	<10

3.5. L-Estonja

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	10

3.6. Spanja

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	9.09

3.7. Franza

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	10
Saqajn taż-żrinġijiet iffriżati	5
Gomma arabika	3
Tjur	5

3.8. L-Ungerija

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	2 - 10

3.9. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	6.9
Laħam tat-tiġieġ	3.8
Frott u ħaxix imnixxef	3
Abjad tal-bajd	1
Saqajn taż-żrinġijiet iffriżati	4
Gambli	3.2

3.10. Il-Polonja

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	5 - 10

3.11. Ir-Rumanija

Oġġetti tal-ikel	Doża assorbita (f'kGy)
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	8

4. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQIN FL-ISTADJU TAT-TQEGĦID TAL-PRODOTTI FIS-SUQ U L-METODI UŻATI GĦALL-INDIVIDWAZZJONI TAL-IKEL ITTRATTAT BIR-RADJAZZJONI

It-tabelli li ġejjin juru r-riżultati tal-kontrolli mwettqin fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq u l-metodi użati għall-individwazzjoni tat-trattament bir-radjazzjoni jonizzanti.

4.1. Sommarju għall-UE


It-tabella li ġejja tiġbor fil-qosor il-kampjuni analizzati u r-riżultati miksubin għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi:

Stat Membru	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	Għadd totali tal-kampjuni	Perċentwali meta mqabbel mal-kampjuni kollha tal-UE
BE	89	18	3	110	**2,1 %**
BG	47	0	2	49	**0,9 %**
CZ	23	7	0	30	**0,6 %**
DK	EKI	EKI	EKI	EKI	
DE	2676	27	13	2716	**52,4 %**
EE	EKI	EKI	EKI	EKI	
IE	78	0	0	78	**1,5 %**
EL	EKI	EKI	EKI	EKI	
ES	139	1	0	140	**2,7 %**
FR	46	5	3	54	**1,0 %**
IT	281	3	7	291	**5,6 %**
CY	EKI	EKI	EKI	EKI	
LV	6	0	5	11	**0,2 %**
LT	63	0	20	83	**1,6 %**
LU	12	0	0	12	**0,2 %**
HU	60	0	0	60	**1,2 %**
MT	20	0	0	20	**0,4 %**
NL	362	0	11	373	**7,2 %**
AT	132	0	2	134	**2,6 %**
PL	241	1	4	246	**4,7 %**
PT	47	0	2	49	**0,9 %**
RO	104	0	1	105	**2,0 %**

SI	21	0	0	21	**0,4 %**
SK	22	1	0	23	**0,4 %**
FI	219	4	31	254	**4,9 %**
SE	EKI	EKI	EKI	EKI	
UK	291	13	19	323	**6,2 %**
Ammont totali tal-UE	**4979**	**80**	**123**	**5182**	**100,0 %**
	96,1%	**1,5 %**	**2,4 %**	**100,0 %**	

EDM: L-ebda dejta mibgħuta
EKI: L-ebda kontroll imwettaq

Il-figura li ġejja tiġbor fil-qosor il-kampjuni analizzati u r-riżultati miksubin għall-Unjoni Ewropea kollha kemm hi:


Kampjuni konformi
Riżultati inkonklużivi
Kampjuni mhux konformi
LV
LU
MT
SI
SK
CZ
PT
BG
FR
HU
IE
LT
RO
BE
AT
ES
PL
FI
IT
UK
NL
DE
0
500
1000
1500
2000
2500
3000
Għadd ta' kampjuni

4.2. Il-Belġju

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Għadd ta' kampjuni: 107			Metodu tas-CEN użat
	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	24	1	0	EN 1788
Prodotti taċ-ċereali	8	8	0	EN 1788
Supplimenti tal-ikel	14	2	2*	EN 1788
Frott (imnixxef)	6	3	0	EN 1788
Molluski	16	3	1*	EN 1788
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	2	0	0	EN 1788
Legumi	2	0	0	EN 1788
Te	16	1	0	EN 1788
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	1	0	0	EN 1788
Ammont totali	**89**	**18**	**3**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**83 %**	**17 %**	**3 %**	

* ittikkettati ħażin

4.3. Il-Bulgarija

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Għadd ta' kampjuni: 49			Metodu tas-CEN użat
	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	19	0	0	EN 1788; EN 1787
Ħut u prodotti tal-ħut	2	0	0	EN 1786
Frott (imnixxef)	5	0	0	EN 13708
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	8	0	2*	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Ikliet u dixxijiet (lesti)	3	0	0	EN 1788; EN 1787
Ġewż	3	0	0	EN 1788; EN 1787
Laħam tat-tjur	5	0	0	EN 1786
Gambli	2	0	0	EN 1786
Ammont totali	**47**	**0**	**2**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**96 %**	**0 %**	**4 %**	

* ittikkettati ħażin

4.4. Ir-Repubblika Ċeka

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Għadd ta' kampjuni: 30			Metodu tas-CEN użat
	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	7	2	0	EN 1788
Supplimenti tal-ikel	2	0	0	EN 1788
Tewm	3	0	0	EN 1788
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	3	1	0	EN 1788
Taljarini ta' malajr	6	3	0	EN 1788
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	2	1	0	EN 1788
Ammont totali	**23**	**7**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**77 %**	**23 %**	**0 %**	

4.5. Id-Danimarka

Fl-2012, minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati, ma twettaq l-ebda kontroll fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq.

4.6. Il-Ġermanja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Għadd ta' kampjuni: 2716			Metodu tas-CEN użat
	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	1285	15	4*	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Butir (imħawwar)	1	0	0	EN 1788; L12.01-1; EN 13751; EN 1787
Ċereali, żrieragħ u frott u ħaxix	94	0	0	EN 1786
Ġobon (li fih il-ħxejjex aromatiċi jew il-ħwawar)	41	0	0	EN 1788; EN 1787
Ġobon (preparazzjonijiet mingħajr ħxejjex aromatiċi u ħwawar)	1	0	0	EN 1788; EN 1787
Kafè	64	0	0	EN 1786
Krustaċji, frott il-baħar, molluski u annimali akkwatiċi oħrajn (inklużi l-prodotti tagħhom)	83	1	2*	EN 1788; EN 13751
Ħut u prodotti tal-ħut	121	0	3**	EN 1788; EN 13751; EN 1786
Supplimenti tal-ikel	97	9	2**	EN 1786
Frott (imnixxef)	63	1	1	EN 1788; L12.01-1; EN 13751

Frott (frisk)	88	0	0	EN 13751; EN 1787; EN 13708
Ikliet u dixxijiet (lesti)	64	1	2**	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Laħam	41	0	0	EN 13751
Laħam (minbarra l-laħam tat-tjur u l-laħam tal-annimali tal-kaċċa)	61	0	0	EN 1788; EN 1786
Prodotti tal-laħam (minbarra z-zalzett)	30	0	0	EN 1786
Faqqiegħ (frisk)	51	0	0	EN 1784; EN 1786
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	111	0	0	EN 1788; EN 1785; ESR; EN 13751
Oġġetti tal-ikel oħrajn	21	0	0	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Bajd u prodotti tal-bajd	16	0	0	EN 1788; EN 13751
Legumi, żrieragħ li minnhom jingħasar iż-żejt u ġewż	15	0	0	EN 1784
Te u prodotti simili għat-te	73	0	0	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Patata	30	0	0	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Laħam tat-tjur	40	0	0	EN 1788; EN 13751
Zlazi u sopop (deidratati)	83	0	1*	EN 1784; EN 1786
Prodotti taz-zalzett	9	0	0	EN 1788; EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	46	0	0	EN 1784; EN 1786
Ħaxix (frisk)	47	0	0	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Ammont totali	**2676**	**27**	**13**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**98 %**	**1 %**	**1 %**	

* ittikkettati ħażin
** irradjazzjoni mhix permessa

4.7 L-Estonja

Fl-2012, ma twettaq l-ebda kontroll fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq.

4.8 L-Irlanda

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 78**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	

Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	1	0	0	EN 1788; EN 13751
Supplimenti tal-ikel	4	0	0	EN 1788; EN 13751
Taljarini ta' malajr	9	0	0	EN 1788; EN 13751
Frak tal-ħobż	1	0	0	EN 1788; EN 13751
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	29	0	0	EN 1788; EN 13751
Zlazi u sopop (deidratati)	1	0	0	EN 1788; EN 13751
Żrieragħ	6	0	0	EN 1788; EN 13751
Te	27	0	0	EN 1788; EN 13751
Ammont totali	**78**	**0**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

4.9. Il-Greċja

Fl-2012, ma twettaq l-ebda kontroll fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq.

4.10. Spanja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 140**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	76	1	0	EN 1788; EN 13751; EN 1787
Ħut u prodotti tal-ħut	30	0	0	EN 13751
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	8	0	0	EN 1787
Laħam u prodotti tal-laħam	2	0	0	EN 13751; EN 1787
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	9	0	0	EN 1788; EN 13751
Ġewż	6	0	0	EN 1786
Ħaxix (frisk)	8	0	0	EN 1786
Ammont totali	**139**	**1**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**99 %**	**1 %**	**0 %**	

4.11. Franza

Oġġetti tal-ikel analizzati	**Għadd ta' kampjuni: 54**	**Metodu tas-CEN**

fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	użat
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	5	0	0	EN 1788
Krustaċji jew molluski (iffriżati)	2	0	0	EN 1788
Supplimenti tal-ikel	6	3	0	EN 1788
Saqajn taż-żrinġijiet	9	0	0	EN 1788
Frott (imnixxef)	5	0	0	EN 1788
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	5	0	0	EN 1788
Taljarini ta' malajr	1	0	0	EN 1788
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	1	0	0	EN 1784
Avokado	2	1	0	EN 1788
Laħam tat-tjur	2	0	0	EN 1786
Zlazi u sopop (deidratati)	4	1	3*	EN 1788
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	4	0	0	EN 1784
Ammont totali	**46**	**5**	**3**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**85 %**	**9 %**	**6 %**	

* ittikkettati ħażin

4.12. L-Italja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	Għadd ta' kampjuni: 291			Metodu tas-CEN użat
	Kampjuni konformi	Riżultati inkonklużivi	Kampjuni mhux konformi	
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar	96	0	0	EN 1788; EN 13751
Ħut u prodotti tal-ħut	5	2	0	EN 13751
Supplimenti tal-ikel	1	0	0	EN 13783; EN 1788; EN 13751; EN 1787
Supplimenti tal-ikel	9	1	2	EN 13784; EN 1788; EN 1785; EN 13751; EN 1786
Saqajn taż-żrinġijiet	4	0	5	EN 13751
Frott (frisk)	3	0	0	EN 13783; EN 13751; EN 1787
Tewm u basal	14	0	0	EN 1787; EN 13708

Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	9	0	0	EN 13751
Bebbux tal-art	1	0	0	EN 1788; EN 13751
Laħam	67	0	0	EN 13783; EN 13751; EN 1787
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	7	0	0	EN 13751; EN 1785; EN 1786
Ġewż u frott imnixxef	14	0	0	EN 13783; EN 13751; EN 1787
Żrieragħ li minnhom jingħasar iż-żejt	6	0	0	EN 13783; EN 1788; EN 13751
Patata	7	0	0	EN 13751; EN 1787
Legumi	13	0	0	EN 1788; EN 1786
Taħwir veġetali	9	0	0	EN 13751
Ħaxix (frisk)	15	0	0	EN 1787; EN 13708
Qamħ	1	0	0	EN 1788
Ammont totali	**281**	**3**	**7**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**97 %**	**1 %**	**2 %**	

4.13. Ċipru

Fl-2012, ma twettaq l-ebda kontroll fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq. Ma hemm l-ebda laboratorju f'Ċipru li jwettaq l-analiżi għar-radjazzjoni jonizzanti. Minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati, il-kampjuni ma ntbagħtux barra l-pajjiż għall-analiżi.

4.14. Il-Latvja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 11**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Supplimenti tal-ikel	6	0	5*	EN 1788
Ammont totali	**6**	**0**	**5**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**55 %**	**0 %**	**45 %**	

* irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE

4.15. Il-Litwanja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 83**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	50	0	0	EN 13783

Supplimenti tal-ikel	13	0	20	EN 13783
Ammont totali	**63**	**0**	**20**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**76 %**	**0 %**	**24 %**	

4.16. Il-Lussemburgu

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 12**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	2	0	0	EN 1788
Ċereali, żrieragħ u frott u ħaxix	1	0	0	EN 1788
Frott (imnixxef)	1	0	0	EN 1788
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	3	0	0	EN 1788
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	1	0	0	EN 1788
Te	1	0	0	EN 1788
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	2	0	0	EN 1787
Prodotti tal-ħmira	1	0	0	EN 1788
Ammont totali	**12**	**0**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

4.17. L-Ungerija

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 60**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin) u te	60	0	0	EN 1788
Ammont totali	**60**	**0**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

4.18. Malta

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 20**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Kafè	2	0	0	EN 13751
Ħut u prodotti tal-ħut	2	0	0	EN 13751
Saqajn taż-żrinġijiet	1	0	0	EN 13751
Tewm	1	0	0	EN 13751
Tejiet tal-ħxejjex /	2	0	0	EN 13751

Infużjonijiet				
Għasel u prodotti oħrajn tan-naħal	1	0	0	EN 13751
Taljarini ta' malajr	2	0	0	EN 13751
Faqqiegħ jew prodotti mill-faqqiegħ (imnixxfin)	1	0	0	EN 13751
Laħam tat-tjur	3	0	0	EN 13751
Gambli u ikliet ħfief (moqlijin)	1	0	0	EN 13751
Prodotti taz-zalzett	1	0	0	EN 13751
Soppa	1	0	0	EN 13751
Te	2	0	0	EN 13751
Ammont totali	**20**	**0**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

4.19. Il-Pajjiżi l-Baxxi

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 373**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Prodotti taċ-ċereali	34	0	0	EN 1788; EN 13751
Ħut u prodotti tal-ħut	19	0	0	EN 1788; EN 13751
Supplimenti tal-ikel	52	0	9*	EN 1788; EN 13751
Frott (imnixxef)	36	0	0	EN 1788; EN 13751
Oġġetti tal-ikel oħrajn	6	0	0	EN 1788; EN 13751
Laħam tat-tjur	23	0	0	EN 1788; EN 13751
Insalati, għaġin u soppa, eċċ.	40	0	0	EN 1788; EN 13751
Żrieragħ	35	0	0	EN 1788; EN 13751
Taħlitiet speċjali ta' ħxejjex aromatiċi	57	0	2*	EN 1788; EN 13751
Ħwawar/taħwir	34	0	0	EN 1788; EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	22	0	0	EN 1788; EN 13751
Preparazzjonijiet tal-vitamini	4	0	0	EN 1788; EN 13751
Ammont totali	**362**	**0**	**11**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**97 %**	**0 %**	**3 %**	

* nuqqas ta' konformità jew minħabba irradjazzjoni f'faċilità mhux approvata jew minħabba nuqqas ta' ttikkettar

4.20. L-Awstrija

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 134**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	

Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	46	0	0	EN 1788; EN 13751
Laħam tat-tjur	62	0	0	EN 1786
Zlazi u sopop (deidratati)	24	0	2*	EN 1788; EN 13751
Ammont totali	**132**	**0**	**2**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**99 %**	**0 %**	**1 %**	

* ittikkettati ħażin

4.21. Il-Polonja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 246**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	9	0	0	EN 13751
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	1	0	0	EN 1786
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	57	0	0	EN 1788
Frott tal-bosk	1	0	0	EN 1787
Ġobon li fih il-ħwawar jew il-ħxejjex aromatiċi	7	0	0	EN 1788
Ġobon (moxx)	1	0	0	EN 1788
Kafè	1	0	0	EN 1788
Krustaċji jew molluski (iffriżati)	2	0	0	EN 1788
Krustaċji, frott il-baħar, molluski u annimali akkwatiċi oħrajn (inklużi l-prodotti tagħhom)	1	0	0	EN 1788
Frott imnixxef	17	0	0	EN 13708
Frott imnixxef	2	0	0	EN 1788
Ħut u prodotti tal-ħut	9	0	0	EN 1786
Ħut u frott il-baħar (imnixxef)	2	0	0	EN 1788
Ikel għal użu nutrizzjonali partikulari	1	0	0	EN 13751
Ikel għal użu nutrizzjonali partikulari	1	0	2	EN 1788
Supplimenti tal-ikel	5	0	0	EN 13751
Supplimenti tal-ikel	6	1	0	EN 1788
Saqajn taż-żrinġijiet	1	0	2	EN 1786
Frott (frisk)	1	0	0	EN 1784
Frott (frisk)	3	0	0	EN 1788
Frott (tropikali)	3	0	0	EN 1784
Frott (tropikali)	1	0	0	EN 1787

Frott (tropikali)	8	0	0	EN 1788
Tewm	1	0	0	EN 13751
Tewm	1	0	0	EN 1787
Tewm	10	0	0	EN 1788
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	7	0	0	EN 13751
Laħam	2	0	0	EN 1784
Laħam u prodotti tal-laħam	1	0	0	EN 1784
Laħam (minbarra l-laħam tat-tjur u l-laħam tal-annimali tal-kaċċa)	1	0	0	EN 1784
Laħam (minbarra l-laħam tat-tjur u l-laħam tal-annimali tal-kaċċa)	1	0	0	EN 1786
Laħam ta' għasafar differenti, tal-kangaru u tal-fniek slavaġ	1	0	0	EN 1784
Laħam ta' għasafar differenti, tal-kangaru u tal-fniek slavaġ	4	0	0	EN 1786
Prodotti tal-laħam (minbarra z-zalzett)	1	0	0	EN 1786
Ħalib u prodotti tal-ħalib	1	0	0	EN 1788
Ġewż	2	0	0	EN 1786
Ġewż	20	0	0	EN 1787
Oġġetti tal-ikel oħrajn	1	0	0	EN 13708
Oġġetti tal-ikel oħrajn	1	0	0	EN 13751
Oġġetti tal-ikel oħrajn	5	0	0	EN 1788
Legumi	3	0	0	EN 1788
Bżar aħmar	1	0	0	EN 1788
Zlazi u sopop (deidratati)	11	0	0	EN 1788
Gambli	7	0	0	EN 1788
Sopop	5	0	0	EN 1788
Te	11	0	0	EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	1	0	0	EN 1788
Ħaxix (frisk)	2	0	0	EN 1788
Ammont totali	**241**	**1**	**4**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**98 %**	**0 %**	**2 %**	

4.22. Il-Portugall

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 49**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	4	0	0	EN 13751

Supplimenti tal-ikel	18	0	2	EN 13751
Te	4	0	0	EN 13751
Estratti veġetali (imnixxfin)	7	0	0	EN 13751
Partijiet tal-pjanti (għeruq u weraq tar-rand)	7	0	0	EN 13751
Arzelli ffriżati (bil-qoxra)	7	0	0	EN 13751
Ammont totali	**47**	**0**	**2**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**96 %**	**0 %**	**4 %**	

4.23 Ir-Rumanija

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 105**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	68	0	1*	EN 1788; EN 13751
Supplimenti tal-ikel	4	0	0	EN 13751
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	10	0	0	EN 13751
Żrieragħ	6	0	0	EN 13751
Te	11	0	0	EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	5	0	0	EN 13751
Ammont totali	**104**	**0**	**1**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**99 %**	**0 %**	**1 %**	

* irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE

4.24. Is-Slovenja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 21**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	14	0	0	EN 1788; EN 13751
Te	7	0	0	EN 13751
Ammont totali	**21**	**0**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**100 %**	**0 %**	**0 %**	

4.25. Is-Slovakkja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 23**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	

Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	15	1	0	EN 1784; EN 1788
Ġobon (immaturat)	2	0	0	EN 1784
Ġewż	5	0	0	EN 1784
Ammont totali	**22**	**1**	**0**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**96 %**	**4 %**	**0 %**	

4.26. Il-Finlandja

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 254**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	119	3	8*	EN 1788 għal konferma; EN 13751
Frott tal-bosk	6	0	0	EN 13751
Ikel għal użu nutrizzjonali partikulari	4	0	2**	EN 1788 għal konferma; EN 13751
Supplimenti tal-ikel	35	0	13**	EN 1788 għal konferma; EN 13751
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	11	1	1**	EN 1788 għal konferma; EN 13751
Oġġetti tal-ikel oħrajn (ingredjenti taz-zlazi, ingredjenti tal-ikel, eċċ.)	26	0	7**	EN 1788 għal konferma; EN 13751
Te	17	0	0	EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	1	0	0	EN 13751
Ammont totali	**219**	**4**	**31**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**86 %**	**2 %**	**12 %**	

* ittikkettati ħażin, irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE
** irradjazzjoni mhix permessa

4.27. L-Isvezja

Fl-2012, ma twettaq l-ebda kontroll fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq.

4.28. Ir-Renju Unit

Oġġetti tal-ikel analizzati fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq	**Għadd ta' kampjuni: 323**			**Metodu tas-CEN użat**
	Kampjuni konformi	**Riżultati inkonklużivi**	**Kampjuni mhux konformi**	
Ħxejjex aromatiċi, ħwawar u taħwir veġetali (imnixxfin)	156	5	3*	EN 1788; EN 13751
Prodotti taċ-ċereali	3	0	0	EN 13751

Ċereali, żrieragħ u frott u ħaxix	2	0	0	EN 13751
Krustaċji, frott il-baħar, molluski u annimali akkwatiċi oħrajn (inklużi l-prodotti tagħhom)	1	0	0	EN 13751
Kuskus imħawwar	1	0	0	EN 13751
Zokkor fin tal-ġelu mħawwar	1	0	0	EN 13751
Supplimenti tal-ikel	26	3	1**	EN 1788; EN 13751
Frott (imnixxef)	2	0	0	EN 13751
Meraq tal-frott	1	0	0	EN 13751
Frott (frisk)	1	0	0	EN 13751
Tewm	13	0	0	EN 13751
Tejiet tal-ħxejjex / Infużjonijiet	5	0	0	EN 13751
Pejsts tal-ħxejjex aromatiċi u tal-ħwawar	7	0	0	EN 13751
Ħxejjex aromatiċi u ħwawar (friski)	4	0	0	EN 13751
Taljarini ta' malajr	40	4	7*	EN 1788; EN 13751
Ikliet u dixxijiet (lesti)	3	0	0	EN 13751
Ġewż	1	0	0	EN 13751
Ross	1	0	0	EN 1788; EN 13751
Zlazi u sopop (deidratati)	21	1	7**	EN 1788; EN 13751
Żrieragħ	1	0	0	EN 13751
Ħaxix u prodotti veġetali (imnixxfin)	0	0	1*	EN 1788; EN 13751
Ħaxix (frisk)	1	0	0	EN 13751
Ammont totali	**291**	**13**	**19**	
Total f'perċentwali tal-kampjuni analizzati	**90 %**	**4 %**	**6 %**	

* ittikkettati ħażin u/jew irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE

** irradjazzjoni mhix permessa, ittikkettati ħażin, irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE

5. SOMMARJU

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012. Jinkludi fih ġabra ta' tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni mis-27 Stat Membru.

Fl-2012, 24 faċilità tal-irradjazzjoni approvata kienu qed jaħdmu fi 13-il Stat Membru skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 1999/2/KE. Ma ġiet approvata l-ebda faċilità ġdida tal-irradjazzjoni. Ma ngħalqet l-ebda faċilità tal-irradjazzjoni approvata. Ħames faċilitajiet tal-irradjazzjoni ma ttrattawx l-ikel bir-radjazzjoni matul l-2012.

Kwantità totali ta' 7 972 tunnellata ta' prodotti ġiet ittrattata bir-radjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri tal-UE, u 91 % minnha ġiet ittrattata bir-radjazzjoni

prinċipalment fi tliet Stati Membri, jiġifieri fil-Belġju (64.7 %), fil-Pajjiżi l-Baxxi (18.5 %) u fi Franza (7.7 %). L-akbar tliet prodotti bażiċi fil-kategoriji tal-prodotti ttrattati bir-radjazzjoni huma s-saqajn taż-żriġijiet (36 %), it-tjur (35 %) u l-ħxejjex aromatiċi u l-ħwawar imnixxfin (15 %). Kien hemm tnaqqis żgħir fil-kwantità totali ta' prodotti ttrattati bir-radjazzjoni fl-UE meta mqabbel mas-sena ta' qabel, jiġifieri l-2011 (8 067.5 tunnellata).

27 Stat Membru bagħtu informazzjoni dwar il-kontrolli li saru fl-istadju tat-tqegħid tal-prodotti fis-suq. Fl-2012, ħames Stati Membri ma wettqu l-ebda kontroll analitiku waqt il-kontrolli u l-ispezzjonijiet uffiċjali.

B'kollox ġew analizzati 5 182 kampjun minn 22 Stat Membru, tliet Stati Membri kienu responsabbli għal 66 % tal-kampjuni (il-Ġermanja 52,4.0 %, il-Pajjiżi l-Baxxi 7.2 % u r-Renju Unit 6.2 %). 4 979 kampjun (96.1 %) kienu konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, 123 kampjun (2.4 %) ma kinux konformi u 80 kampjun (1.5 %) ma wasslux għal riżultati konklużivi. Iż-żewġ raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' konformità tal-kampjuni ttestjati kienu ttikkettar ħażin u irradjazzjoni pprojbita; in-nuqqas ta' konformità kienet dovuta wkoll għall-irradjazzjoni f'faċilitajiet mhux approvati mill-UE. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità huma mogħtija f'kull tabella li turi t-testijiet imwettqin f'kull Stat Membru.